

# Il-Kult lejn l-Anġlu Kustodju fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta

**Mario Fenech**

Devozzjoni li ma tantx issibha fi knejjes oħra tal-gżejjer Maltin hija dik tal-Anġlu Kustodju. Mhux hemm jista' jingħad dwar din id-devozzjoni li hija waħda antika fil-Bażilika Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta.

Meta nbniet il-Knisja l-qadima tal-Madonna tal-Karmnu tal-arkitett Ġilormu Cassar, din inbniet fuq art li kien offra lill-Patrijiet Karmelitani l-Gran Mastru ta' dak iż-żmien Pietro del Monte. Il-kutratt tal-għoti tal-art kien sar għand in-Nutar Placido Habel nhar is-27 ta' Lulju 1570. Tlestiet fis-sena 1608.

Wieħed mill-għaxar artali li kien fiha ġie ddedikat lill-Madonna tas-Saħħa. Dan kien tal-Familja Santa Maura. Ftit taż-żmien wara dan l-artal ġie ddedikat mill-ġdid, din id-darba lill-Anġlu Kustodju. Tpoġġa fuq l-artal, kwadru li kien għamel l-artist Francesco Zahra. Dan huwa kopja ta' kwadru li kien għamel l-artist Mattia Preti li llum jinsab fil-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja f'Tas-Sliema.

Fil-kwadru jidher l-anġlu kustodju qiegħed ibiegħed tifel ċkejken 'il bogħod mill-ħażen tad-dinja. Fil-parti ta' fuq tielgħa x-xbieha ta' San Blas qiegħed jiġi milqugħ mill-Madonna bil-Bambin f'idejha. Dan il-qaddis kien ġie inkluż fil-kwadru biex tiġi mfakkra kappella li kien hemm qabel li kienet iddedikata lil dan il-qaddis.



**L-artal tal-Anġlu Kustodju**

Fuq dan l-artal twaqqfet il-Fratellanza tal-Anġlu Kustodju fis-sena 1760. Din kienet it-tielet fratellanza ta' din il-knisja wara dik tal-Madonna tal-Karmnu mwaqqfa fit-23 ta' Frar 1622 u dik ta' San Ġużepp imwaqqfa fil-5 ta' April 1634.



**L-istatwa tal-Anġlu Kustodju skolpita fl-injam minn Vincenzo Dimech**

Il-membri ta' din il-fratellanza ħadmu mhux ftit biex titkattar id-devozzjoni lejn l-Anġlu Kustodju. Ħadu ħsieb jarmaw sew l-artal tagħhom b'dak kollu li kien jinħtieġ u bdew jagħmlu festa xierqa.

Maż-żmien inħasset il-ħtieġa li ssir l-istatwa tal-Anġlu Kustodju. Għal din il-biċċa xogħol ġie mqabbad Vincenzo Dimech wieħed mill-aqwa skulturi li kien hawn f'Malta dak iż-żmien. L-istatwa kienet tlestiet fis-sena 1793 u din għandha xebh kbir ma' dak li hemm fil-kwadru ta' fuq l-artal, xogħol il-pittur Francesco Zahra.

Il-festa tal-Anġlu Kustodju kompliet tikber aktar wara li saret din l-istatwa. Għal żmien twil kienet l-unika waħda li kienet issir fil-gżejjer Maltin.

Maż-żmien il-fratellanza naqqset ħafna mill-membri u l-ħidma tagħha tant li l-festa naqqset mill-popolarità tagħha.

Meta nbniet il-knisja l-ġdida kif kien xieraq dan l-artal tal-Anġlu Kustodju kif ukoll l-istatwa ta' Vincenzo Dimech sabu l-post il-ġdid tagħhom fil-knisja.

Il-kwadru u l-istatwa tal-Anġlu Kustodju, huma żewġ opri sagri sbieħ mill-bosa li hemm fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta.

